VALLETTA
*Città Umilissima*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Valletta

## 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 7

It-Tnejn 16 ta' Diċembru 2019

Il-Kunsilli Lokali Valletta Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 35-37, Triq it-Teżorerija (Misraħ ir-Repubblika), Valletta, fis-17.00hrs.

**PREŻENTI:**

Alfred Zammit – Sindku
Christian Micallef – Minority Leader
Raymond Azzopardi – Viċi Sindku
Lian Pace – Kunsillier
Mark Spiteri Lucas – Kunsillier
Vincent Fabri – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (7):**
Jurgen Briffa – Kunsillier

**ASSENTI**
NIL

**'FFIĊJAL PREŻENTI:**

'la Agius– Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Alfred Zammit ippresjeda l-laqgħa.

## 7.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

7.1.1 Jurgen Briffa

## 7.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

7.7.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 6– l- Il-Ħamis 7 ta' Novembru 2019 kienu ikkonfermati.

## 7.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

7.3.1 Is-Sindku Alfed Zammit nforma li wara li kellu laqgha mal-periti tal-Kunsill dwar l- proġett tal-Belveder taħt il-qanpiena saru l-istimi u disji. Issa qed isir arrangament biex issir laqgħa ma' Heritage Malta biex ix-xogħolijiet isiru wara li titranga l-Qanpiena. Dan il-Bandli kien diga eżistenti pero ġie vandalizzat minħabba l-fatt li l-qanpiena ma kienetx qed tingħalaq. L-Kunsill qabel dwar dan.

7.3.2 Is-Sindku Alfed Zammit nforma li ser jerġa jitkellem mal-GHRC biex jara meta jista jinbeda xogħol fuq il-bandli ta' tfal quddiem il-war musuem. Dan il-progett huwa approvat mil-planning authority

7.3.3 Is-Sindku Alfed Zammit nforma li l-Kunsill ibbenfika mil-fond ta' l-Irrigazzjoni 30,000 euro. Segretarju Ezekuttiv ser tibda tahdem fuq is-sejħa għall-offerti. Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

7.3.4 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li għal festeġġjamenti ta' Jum il-Belt jixtieq li jsiru fil-Konkatidral ta' San Gwann. Għandhom jkunu preżenti l-Presidenti, l-Prim Ministru. Nforma li tkellem mal-Kummissarju biex tieħu sehem l-Banda tal-Pulizija. Ser isiru diskussjonijiet mal-Kumitati tal-Festi biex isir tiżjin mil-festi tal-Belt. Issir big screen fid-daħla tal-Belt b'storja dwar il-Kapitali, jingabru reklami. Attivita' mal-Valletta FC. Attivita' ma tfal ta' l-iskola primarja. Is-Sindku nforma li ser ikun hemm event manager u dan ser ikun Clint Bajjada. Il-Kunsill qabel dwar dan

7.3.5 Is-Sindku Alfred Zammit informa li saru taħdidiet ma' l-Hon Dr Deo Debattista biex il-knis jieħdu taħt responsabilita' tiegħu. Huwa ser isejjaħ laqgħa mal-Kuntrattur tal-Knis biex jitkellem dwar nuqqasijiet. Il-Kunsill qabel dwar dan.

7.3.7 Is-Sindku Alfred Zammit informa li ser issir laqgħa mad-Direttur tal-Gvern lokali dwar dejn akkumulat. Il-Kunsill qabel dwar dan.

7.3.7 Is-Sindku Alfred Zammit informa li għandha issir laqgħa ma' Sur Johann Buttigieg dwar problemi ta' mwejjed u siggijiet u nfurzar fiċ-ċentru tal-Belt. Il-Kunsill qabel dwar dan.

7.3.8 Is-Sindku Alfred Zammit informa li tkellem ma' Dar il-mediterran dwar id-dawl li hemm mitfi fuq il-bankina tagħhom stess. Tkellem ukoll dwar il-parkeġġ li ser jitneħħa matul il-ġurnata u fil-għaxija jsir parkeġġ għar-residenti. Il-Kunsill qabel dwar dan.

7.3.9 Is-Sindku Alfred Zammit informa li wara li kellu laqgħa ma '-operaturi ta' CVA Technology ltd, dawn talbu għal prezz ridott fuq il-Kirja ta' Desk. Il-Kunsill rċieva bil-miktub pero l-ħlas dovut ta' konitijiet pendenti ma' tħalsux allura din il-materja ma ġietx diskussa. L-Kunsill qabel dwar dan.

7.3.10 **Is-Sindku Alfred Zammit** informa dwar l-Isem Valletta li hu registrat u jappartjeni l-Kunsill. Kull min qed juża l-isem Valletta huwa kontra l-ligi. L-kunsill qabel dwar dan.

7.3.11 **Is-Sindku Alfred Zammit** informa li kif ġie diskuss fil-laqgħa preċendenti ser issir laqgħa tal-Kunsill mal-LESA. IL-Kunsill qabel li ma hu kuntent xejn bis-servizz. Ser issir talba biex l-Kunsill tal-Belt Kapitali jkun assenjat 2 gwardjani, u jkollhom Segway biex jaċċessaw toroq. Dawn il-gwardjani għandhom jinbidlu kull xahrejn. L-Kunsill qabel dwar dan.

7.3.12 **Is-Sindku Alfred Zammit** informa dwar laqgħat kontinwi fuq il-proġett tal-Bankini mal-Periti biex jinbidel il-materjal. Nforma li qed nistennew konferma mis-SCH biex il-bankini jitkomplew b'materjal aktar addatat. Il-Kunsill qabel dwar dan.

7.3.13 **Is-Sindku Alfred Zammit** informa li attenda laqgħa ta' tħejjija dwar il-proġett ta' Urban Greening phase 2. Dan biex ikompli jissebbaħ iż-żoni residenzjali tal-Belt Valletta bil-pjanti, fil-preżenza tas-Segretarju Ezekuttiv. Is-Segretarju Ezekuttiv ser jieħu ħsieb li jigu idetifikati postijiet adekwati. Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 7.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tall-Kunsillieri

7.4.1 Il-Minority Leader Christian Micallef tkellem dwar post li kien tella' fuq l-media socjali l-Vici Sindku Ray Azzopardi. Hu nforma li il-Vici Sindku blokjah mil-pagna tieghu. l-Kunsill kollu qabel dwar dan.

7.4.2 Il-Kunsillier Mark Spiteri Lucas nforma li wara li tkellem mas-Sindku ser jieħu hsieb proġett Dar ħajja aħjar. Il-Kunsill qabel dwar dan.

7.4.3 Il-Kunsillier Mark Spiteri Lucas nforma li tkellmu miegħu l-genituri ta' Ike , Trixie Mangion biex isir filmat b'diska. Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 7.5 Rapporti

7.5.1 Nil

## 7.7 *Items* oħra ta'Xogħol ieħor tall-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

7.7.1 Korrispondenza min għand Mario Buttigieg dwar problema li jaffaċċja b'nuqqas ta' arja fil-propjeta' tiegħu għalhekk ser jitneħħa l-parkegg L-Kunsill qabel dwar dan.

7.7.2 Korrispondenza m' għan Enzo Cachia dwar il-proġetti ġodda li l-Kunsill applika għalihom. Il-Kunsill reġgħa qabel li l-proġett ta' Triq San ursola ma jingħatax aktar fondi minħabba li l-Kunsill għandu pjanijiet oħra il-Kunsill qabel dwar dan. Il-Kunsill reġgħa ikkonferma l-proġett ta'

7.7.3

Korrispondenza m'għand Mario Fava dwar Greetings ma' Arċisqof nhar il-Ħamis 19 ta' Diċembru. Il-Kunsill ħa nota.

7.7.4

Korrispondenza m'għand Captain Stephanie Debono dwar Greetings tal-President li ser isiru nhar il-Ħamis 19 ta' Dicembru 2019. Il-Kunsill ħa nota.

7.7.5

Korrispondenza dwar l-Onorarju u l-Allowwance tal-Kunsillieri. L-kunsill ħa nota dwar dan.

7.7.7

Korrispondenza dwar inkonvenjent ir-rapurtat min Paul Borg dwar Valletta Tours Malta. L-kunsill ħa nota dwar dan

## 7.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/iAmministrattiv/i

7.7.1

## 7.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

7.8.1

7.8.2

## 7.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Il-Kunsill aġġorna għal-Ħamis 16 ta' Jannar 2020 17.00hrs

IFFIRMATA

Alfred Zammit
Sindku

IFFIRMATA

Gabriella Agius
Segretarju Eżekuttiv